MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 78/2003

Avviz Nru  78/03DM

Alfred u martu Marlene konjugi Williams

Vs

Charles u martu Rita konjugi Micallef

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn  liri Maltin (Lm2,200) in kwantu ghas-somma ta' mitejn Liri Maltin (Lm200) rapprezentanti kera li tithallas fid-9 t'Awissu ta' kull sena bil-quddiem ghall-iskadenzi tad-9 t'Awissu 2001 u tad-9 t'Awissu 2002, fuq il-fond 7A, Triq il-Vittimi Tal-Gwerra, Senglea, ai termini ta' skrittura datata 9 t'Awissu 2000 annessa mall-avviz u mmarkata Dok

"AMW 1", u kwantu ghas-somma ta' elfejn Liri Maltin (Lm2.,000) rapprezentanti ghoxrin (20) skadenza ta' mitt Lira Maltin (Lm100) il-wahda pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar ghall-iskadenzi mill-1 ta' Lulju 2001 sa l-1 ta Frar  2003 a tenur tal-klawsola numru erbgha (4) tal-precitata skrittura.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri legali datata 30 t'April 2002 u bl-imghax legali sal- jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet lil Alfred Williams bil-gurament;

Ghalkemm jirrizulta li l-konvenuti kkontestaw it-talba attrici fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2003, fis-seduta tallum 8 ta' Mejju 2003 l-istess konvenut ammetta t-talba attrici u kkonferma din l-ammissjoni bil-gurament.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi  s-somma mitluba ta' Lm2,200 (elfejn u mitejn liri Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali b'effett mis-6 ta' Frar 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------